Jekk it-talba tiegħi se tinbagħat minn dan il-pajjiż għal pajjiż ieħor tal-UE

Jekk it-talba tiegħi se tinbagħat minn dan il-pajjiż għal pajjiż ieħor tal-UE

Danimarka

Liema awtorità tgħinni nibgħat talba f'pajjiż tal-UE?

Il-Bord ta' Kumpens għall-Korrimenti Kriminali Daniż (*Erstatningsnævnet*)
Indirizz: Toldboden 2, 2. sal DK-8800 Viborg
Posta elettronika: Erstatningsnaevnet@erstatningsnaevnet.dk
Telefown: +45 33 92 33 34
Sit elettroniku: http://www.erstatningsnaevnet.dk/da/GlobalMenu/english.aspx

X'inhu r-rwol tal-awtorità ta' assistenza?

Bħala awtorità ta' assistenza, il-Bord ta' Kumpens għall-Korrimenti Kriminali Daniż għandu jassisti lill-applikanti bit-traduzzjoni u s-sottomissjoni tal-applikazzjoni tagħhom f'pajjiż ieħor tal-UE u, waqt il-proċedimenti, għandu jassistihom bit-traduzzjoni ta' dokumenti irċevuti minn, jew li jridu jiġu sottomessi lil, pajjiż ieħor tal-UE.

Jekk it-talba li tkun qed tintbagħat ikollha bżonn traduzzjoni, l-awtorità tittraduċi d-dokumenti ta' sostenn? Jekk iva, min iħallas għal dan is-servizz?

Iva. Il-Bord ta' Kumpens għall-Korrimenti Kriminali Daniż għandu jikkuntattja traduttur u jħallas l-ispejjeż għat-traduzzjoni tad-dokumenti meħtieġa.

Meta t-talba tintbagħat barra l-pajjiż hemm xi tariffi amministrattivi jew oħrajn li jridu jitħallsu?

Le. Il-Bord ta' Kumpens għall-Korrimenti Kriminali Daniż għandu jħallas l-ispejjeż b'rabta mas-sottomissjoni tal-applikazzjoni barra l-pajjiż.

L-aħħar aġġornament: 04/05/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.